



BANK ĊENTRALI EWROPEW

IL-LINJA TA' GWIDA TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tat-3 ta' Frar, 2006

li temenda l-Linja ta' Gwida BĊE/2005/5 tas-17 ta' Frar, 2005, dwar l-obbligi ta' rappurtar ta' statistika tal-Bank Ċentrali Ewropew u l-proċeduri għall-iskambju ta' l-informazzjoni statistika fi ħdan is-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali fil-qasam ta' l-istatistika tal-finanzi tal-gvern (BĊE/2006/2)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra l-iStatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, partikolarment l-Artikolu 5.1 u 5.2, l-Artikolu 12.1 u l-Artikolu 14.3,

Billi:

- (1) L-Artikolu 1 tar-Regolament Kunsill (KE) Nru 2103/2005 tat-12 ta' Diċembru, 2005, fir-rigward tal-kwalità tad-*data* statistika fil-kuntest tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv¹, jirrevedi *inter alia* d-dati ta' skadenza għar-rappurtar tad-*data* fil-kuntest ta' l-EDP sabiex tiġi żgurata l-konsistenza tagħhom mad-dati ta' skadenza tal-programm ta' trasmissjoni tas-Sistema Ewropea tal-Kontijiet 95 (ESA 95)². Bħala riżultat ta' din ir-reviżjoni, sa mill-2006 l-iStati Membri ser ikunu obbligati li jirrappurtaw id-*data* fil-kuntest ta' l-EDP qabel l-1 t' April u l-1 t'Ottubru ta' kull sena.
- (2) Il-bżonnijiet ta' l-Ewrosistema skond il-Linja ta' Gwida BĊE/2005/5 tas-17 ta' Frar, 2005, dwar l-obbligi ta' rappurtar ta' statistika tal-Bank Ċentrali Ewropew u l-proċeduri għall-iskambju ta' l-informazzjoni statistika fi ħdan is-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali fil-qasam ta' l-istatistika tal-finanzi tal-gvern³, għandhom ikunu bbażati, għal raġunijiet ta' konsistenza, fuq l-istandards ta' l-istatistika ta' l-ESA 95 sa fejn dan ikun possibbli. Id-dati ta' skadenza fl-Artikolu 4 tal-Linja ta' Gwida BĊE/2005/5 għar-rappurtar bi-annwali ta' għabriet kompluti ta' *data* mill-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) lill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) għalhekk jeħtieġu li jiġu rriveduti.
- (3) Skond l-Artikolu 12.1 u l-Artikolu 14.3 ta' l-iStatut, il-linji ta' gwida tal-BĊE jiffurmaw parti integrali mid-dritt tal-Komunità,

¹ ĠU L 337, 22.12.2005, pġ. 1.

² Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 2223/96 tal-25 ta' Ġunju, 1996, dwar is-sistema Ewropea tal-kontijiet nazzjonali u reġjonali fil-Komunità, ĠU L 310, 30.11.1996, pġ. 1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru. 1267/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 180, 18.7.2003, pġ. 1).

³ ĠU L 109, 29.4.2005, pġ. 81.

ADOTTA DIN IL-LINJA TA' GWIDA :

Artikolu 1

1. Il-Linja ta' Gwida BĊE/2005/5 hija emendata kif ġej:

L-Artikolu 4(1) huwa mibdul b'dan li ġej:

'1. Il-BĊNi għandhom jirrapportaw gábriet kompluti ta' *data* darbtejn fis-sena, qabel il-15 t'April u qabel il-15 t'Ottubru.'

2. L-Anness IV huwa emendat kif ġej:

Il-kelma 'Settembru' taħt l-intestatura 'L-ewwel data ta' trasmissjoni' fil-kolonna tal-lemin taż-żewġ tabelli msemmija '*Data Kurrenti*' u '*Data ta' wara*' hija mibdula bil-kelma 'Ottubru'.

Artikolu 2

Din il-Linja ta' Gwida għandha tidħol fis-seħħ jumejn wara li tiġi adottata.

Artikolu 3

Din il-Linja ta' Gwida hija indirizzata lill-BĊNi ta' l-iStati Membri li adottaw il-euro.

Magħmula fi Frankfurt am Main, fit-3 ta' Frar, 2006.

Għall-Kunsill Governattiv tal-BĊE

Il-President tal-BĊE

Jean-Claude TRICHET